28 ta' Frar, 1953.

Imhallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija versus Manwel Xerri

Omicidju Involontarju - Danni - Negligenza - Responsabilita' Kriminali - Piena.

Il-kwistjoni tar-responsabilita minhabba negligenza f' materja kriminali hija pjuttost difficli; pero' jidher li wiehed jista' B'sikurezza jennungja l-principju illi meta persuna, bla ma tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega, taghmel volontarjament att fih innifsu perikoluż ghall-hajja tan-nies, u tiġi b'dak l-att maqtula persuna ohra, allura dik il-persuna tkun hatja ta' omicidju involontarju.

Huwa veru s-semplici inavvertenza mhix biżżejjed biex tirradika r-responsabilita kriminali; hu veru wkoll li s-semplici trasgressjoni tal-liġi tonqos hija biżżejjed ghal dan l-iskop; u huwa veru wkoll li l-grad ta' deligenza li hu sufficjenti ghal-finijiet civili ma hux tali ghall-finijiet ta' l-imputabilita' kriminali; imma dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jiswewx lill-imputat jekk, fil-każ partikulari, huwa jkun hati ta' "recklessness".

Lanqas ma tiswa bhala skriminanti n-negligenza kontributorja tal-vittima, jekk ma jirriżultax li kien hemm xi att tal-vittima li kkaguna, l-mewt taghha, indipendentament min-negligenza ta' l-imputat.

Imma dik l-istess negligenza kontributa tal-vittima ma ghandhdex tiġi trazandata ghall-finijiet ta' l-irrogazzjoni tal-piena; ghaliex ghandha ssir distinzjoni bejn min jaghmel att perikoluż li bih joqtol persuna ohra, bla ma dik il-persuna l-ohra tkun bl-ebda mod ikkontribwiet biex tpoġġi ruhha fil-perikolu, u tkun ghalhekk vittima inkoxjenti ta' dak l-att perikoluż, u l-każ ta' min b'att perikoluż jikkaġuna l-mewt ta' persuna li tkun volontarjament b' ghajnejha miftuha, poġġiet ruhha f'dak il-perikolu, liberament - persuna ta' l-eta' tad-dizzerniment, li ma kienet taht ebda obligazzjoni li tesponi ruhha ghal dak il-perikolu, la ta' mpieg, la ta' dipendenza, u lanqas ta' haġ'ohra.

L-istess principji jirregolaw ir-responsabilita' kriminali dwar id-danni, jekk l-att perikoluż li jkun ikkaġuna l-mewt tal-vittima jkun anki ikkaġuna danni.

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta

tat-30 ta' Diċembru 1952, l-imputat instab ħati ta' omiċidju involontarju u ta' danni involontarji f'razzett, kunsidrati bħala reat wieħed stante assorbiment fit-titolu l-aktar gravi ta' l-omiċidju involontarju, u kundannat għall-piena tal-prigunerija għal żmien disa' xhur;

L-imputat appella;

Trattat l-appell, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi u semgħet l-argumenti, ikkunsidrat;

Il-fatti, fil-qosor, kienu dawn. Fir-razzett fit-Triq Santa Marija, in-Naxxar, fil-15 ta' Ġunju 1952, saret esplożjoni, u biha ġew feruti serjament l-imputat stess u Paolo Cachia, li in segwitu miet bħala konsegwenza tal-feriti riportati, kif jirriżulta mill-attijiet. Dan ir-razzett kien mikri lill-imputat, u fih kienu ħafna żmien soltu jaħdmu x-xogħol tan-nar l-imputat u l-meijet, bħala dilettanti, kif qal ix-xhud Caruana fol 74. Ma kienx hemm ebda liċenza tal-Pulizija biex jinħadem in-nar f'dan ir-razzett. L-imputat iddikjara lill-Ispettur Spiteri li dak il-ħin ta' l-inċident ma kienx hemm fil-post ħlief hu u Cachia;

Ir-razzett sofra ħsara konsiderevoli, stmata mill-espert gudizzjarju £221. 10. 0;

Miż-żewġ rapport tal-periti jirriżulta li x-xogħol li kien lest ("prepared fireworks") ħa n-nar mhux b'reazzjoni kimika, iżda minn barra, ċjoè jew minn xi sigarrett imqiegħed fuq kaxxa sulfarini fil-ħoġor tat-tieqa, jew minn kombustjoni spontanea ta' xi materjal umidu;

L-esperti qalu wkoll li kien hemm nuqqas totali ta' prekawzjonijiet kontra esplożjonijiet simili (fol. 33 tergo u fol. 36);

*Premessi dawn il-fatti, il-Qorti kkunsidrat*;

Il-kwistjoni tar-responsabilità minħabba negliġenza f'materja kriminali hija pjuttost diffiċili; għaliex altru negliġenza fil-kamp ċivili, u altru negliġenza fil-kamp kriminali (ara Andrews vs. Director of Public Prosecutions (1937), 106 L. J., K.B. 370, Leading Cases in the Criminal Law, Wilshere, 1947 edit., page 142). Jidher, però, li wieħed jista' jenunċja b'sikurezza l-prinċipju illi, meta persuna, bla ma tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa, tagħmel volontarjament att fih innif-

su perikoluż għall-ħajja tan-nies, u tiġi b'dak l-att maqtula persuna oħra, allura tkun ħatja ta' omiċidju involontarju. Anki apparti l-liġi dwar l-esploživi, hu ċert li kull min jżomm affarijiet perikolużi għandu indubbjament id-dmir, bħala konsegwenza ta' l-obbligu tal-konservazzjoni tal-ħajja ta' ħadd ieħor, li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa (ara R. v. Salmon 1880, 50, L.J. M.C. 25; 6 Q.B.D. 79, loc. ċit., paġ. 143);

Issa, ma hemmx dubju li l-imputat kien qiegħed jimmaniġġa sustanzi eminentement perikolużi għall-ħajja (l-awtur Charlesworth jikklassifika l-esploživi bħala "actively dangerous" jew "inherently dangerous", Law of Negligence, page 230), u li fil-post kien hemm nuqqas assolut ta' prekawzjonijiet. Għalhekk hemm ir-responsabilità ta' l-imputat għall-mewt ta' Cachia;

Huwa veru li s-sempliċi inavvertenza ma hix biżżejjed biex tirradika r-responsabilità kriminali. Huwa veru wkoll li s-sempliċi trasgressjoni tal-liġi ta' l-esploživi lanqas hija biżżejjed għal dan l-iskop. U huwa anki veru li dak il-grad ta' diliġenza li hu suffiċjenti għall-finijiet ċivili ma hux tali għall-finijiet ta' l-imputabilità kriminali. Iżda, f'dan il-każ, kien hemm dak li fis-sistema ġuridiku Ingliż jissejjaħ "recklessness". Igħidu a propożitu l-periti fir-rapport tagħhom, fol. 36:— "The principal factor is considered to be the complete lack of any precaution taken to ensure any degree of safety from the fire and subsequent explosion occurring. Chemicals and explosives containing a high fire risk were indiscriminately stored in recesses together with fire producing items, such as old rugs, paper, cardboard and matches";

Issa, appuntu l-Archbold (Crim Pleading, Evidence and Practice, 1949 Edition, paġ. 913), igħid:— "Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness........... Probably, of all the epithets that can be applied, "reckless" most nearly covers the case............. But, whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal liability, the facts must be such that............ the negligence of the prisoner went beyond a matter of compen-

sation between subjects and showed such disregard for the life and safety of other as to amount to a crime against the State and conduct deserving punishment .........";

Ma jistax ikun hemm dubju li l-att ta' l-imputat konsistenti filli jaghmel xoghol tan-nar fih innifsu perikoluz u f'dawk il-kondizzjonijiet ta' ambjent, li komplu jkabbru l-perikolu, kien att ta' recklessness", u li l-imputat wera b'dak l-att dak grad ta' nonkuranza ghall-hajja li bih inkorra f'responsabilita kriminali, ghal dak li gara;

Ghandu jigi osservat illi r-razzett kien mikri lill-imputat, u kwindi kien hu li, qabel kull bniedem iehor, kellu d-dmir li jikkonforma ruhu mal-ligi billi jitlob licenza, sabiex qabel xejn il-Pulizija tista' tiżgura ruhha, skond il-liġi (art. 4 Kap. 56 Ediz. Riv.) li jittiehdu l-prekawzjonijiet mehtieġa; u kien hu, ghalhekk, li, bil-fatt li ppresja lokal bla prekawzjonijiet ta' xejn, ikkrea b'din ir-"recklessness" tieghu, "needlessly and incautiously", kif jghid ir-Russel (On Crimes and Misdemeanours III, 526), dak l-istat ta' fatt perikoluż li minhabba fih, sija jekk in-nar tas-sigarett u sulfarini waqaf hemm, sab ix-xoghol osplożiv preparat u ġieb l-eżplożjoni fatali;

Id-difiza osservat, fil-kors ta' l-argumenti illi l-mejjet stess kien negliġenti. Dan hu veru ghax hu wera imprudenza gravi meta ha parti f'dak ix-xoghol tan-nar, bla ebda koazzjoni ta' hadd u bla necessita ta' impieg jew haġ'ohra, imma ghas-sempliċi delizzju u b' konjizzjoni pien tal-perikolu. Issa id-dottrin taljana hi ftit inċerta fuq dan l-argument, u ma jidhers li dik id-distinzjoni netta, almenu fit-terminoloġija użata, li, kif sejjer jinghad saret fis-sistema ġuridiku ingliż (ara Carrara Progr., Parte Speciale, Vol.I, para. 1100 pag 106 u Maino, Cod. Pen. It, art. 371, para. 1625). Il-Carrara, anzi, hu favur, il-kompensazzjoni tal-htija anki fil-kriminal, u difatti illegittima din l-estenzjoni ghall-kriminall tat-teorija civili tal- "compensazione delle colpe", b'ċitazzjoni tat-test tad-Dritt Ruman, (Lex 9 § 4, ff. ad leg. Aquil.) "sedsi quum alii in campo jacularentur, servus per qum locum

transierit, Aquila cessat, quia non debuit per campum jaculatorium iter intempestiva facere";

Il-ġurista tedesk Schutze (Lehrbuch par. 80, nota 9) ippropunja t-teorija, f'każ ta' konkors ta' kolpa ta aktar minn persuna waħda, li l-event jiġi mputat lill-kolpa preponderanti. Il-ġurisprudenza taljana, milli jidher, irriteniet bħall-Qrati Ingliżi illi, għas-sussistenza ta' l-omiċidju kolpuż, hija ndifferenti n-negliġenza tal-vittima (Maino, loc. cit., para. 1625, l-aħħar subpara.);

Fis-sistema legali ingliż, li jidher aktar aċċettabili, hu paċifikament riċevut, in materja, illi "in cases of manslaughter by negligence it is no defence that the deceased person was negligent, and that his negligence contributed to his death". (R. v. Swindall, 2 C & K 230; Riv. Longbottom, 3 Cox 439). F'din il-kawża ta' l-aħħar intqal:- "Wherever death ensues from injuries inflicted by parties engaged in an illegal act, an indictment for manslaughter will lie, even though it appears that the deceased had materially contributed to his death by his own negligence";

Għalhekk, in-negliġenza kontributorja tal-mejjet ma tiswiex bħala skriminanti (ara wkoll Kenny, Outlines of Criminal Law, p. 150, u s-sentenzi minnu citati in nota; u ara The English And Empire Digest, Vol. 15, sentenzi riportati fih fil-paragrafi 8644, 8647, 8652, u fin-nota (p) pag. 799).

Il-Harris (Princip, and Pract. Crim. Law, Wilshere Edi. 1933. p. 199), wara li jgħid li l-fatt li l-mejjet, ikun bin-negligenza tiegħu, ikkontribwixxa għall-mewt tiegħu, ma hux a good defence", hekk in-negligenza tal-mejjet tkun ikkaġunat ("caused") - mhux biss ikkontribwiet - il-mewt; u jiċċita l-kawża R.v. Mastin ; 6 C. & P. 396, li fiha tnejn min-nies riekbin fuq iż-żiemel u jsuqu qawwi, daħlu ġo xulxin u wieħed minnhom waqa' bil-ħabta u miet. Patteson J. iddiriega l-jury fis-sens li jekk isibu li l-imputat, minħabba l-"furious riding" tiegħu, daħal ġol-mejjet, allura jsibuh ħati, jekk, invece, isibu li ż-żiemel tal-mejjer kien "unruly" u daħal ġoż-żiemel ta' l-imputat, jassolvuh, għax allura kien l-att tal-mejjer li ġieb il-mewt tiegħu.

Issa f'dan il-każ in-negliġenza tal-mejjet kienet biss kon-

tributorja, in kwantu li hu ikkontribwixxa serjament ("materially") għal dak li ġara, billi mar jaħdem dan ix-xogħol tan-nar bla prekawzjonijiet ta' xejn; imma ma kienx hemm mill-parti tiegħu — alameno ma jirriżultax — ebda att li kkaġuna i-mewt tiegħu "indipendentement min-negliġenza ta' l-imputat";

Jekk in-nar qabad bil-kombustjoni spontanea tal-materjal umidu, il-fatt li dan il-materjal ma ġiex merfugħ kif imiss, u l-fatt li viċin kien hemm xogħol tan-nar iest, mhux imqiegħed band'oħra għalih, huma parti mill-kwadru ġenerali tan-negliġenza ta' l-imputat. Jekk in-nar ġie kaġunat mis-sigarrett—kif fl-alternattiva minnhom prospettata ssuġġerew bħala anki possibili l-periti—allura jingħad li ma jirriżultax li dan is-sigarrett u s-sulfarini tqiegħdu fil-ħoġor tat-tieqa mill-mejjet, għad li, ankorkè kien hekk, dejjem jibqa' li din iċ-ċirkustanza saret miċċidjali għaliex l-imputat kien qed iżomm negliġentement xogħol preparat ("prepared fireworks"), faċilment infjammabili, fil-viċin, bla protezzjoni u bla prekawzjoni, mentri, kieku kien qed jikkonforma ruħu ma' l-eżiġenzi tal-liġi, dan il-materjal preparat kien ikun f'ambjent mifrud għalih, jew anki miżmum ġo "fire proof receptacles" (art. 4 u 17 Kap. 56). Ġie a propożitu deċiż mill-Cassazione Penale, 13 Nov. 1894, Pontemone (Gpza. Pen. Tor. 15, 275; Corte Sup. 19, 908) illi "risponde di omicidio colposo il fabbricante di giuochi artificiali che imprudentemente tiene in un unico locale..... preparati pirotecnici già confezionati con quelli in corso di fabbricazione, per cui i medesimi esplodono e cagionano la morte di qualche persona";

Jista' jiġi obbjettat li lanqas jirriżulta li kien l-imputat li ħalla dak is-sigarrett fuq il-kaxxa tas-sulfarini fil-ħoġor tat-tieqa; u fil-fatt hu veru li ma rriżultax. Imma b'daqshekk, ċjoè bin-nuqqas komplet ta' prova dwar min kien mit-tnejn li poġġa s-sigarrett b'dak il-mod, il-pożizzjoni ġuridika tibqa' dejjem dik tar-"recklessness" ta' l-imputat bl-imputabilità konsegwenzjali; liema imputabilità mhijiex, skond prinċipji legali paċifikament aċċettati in materja, eskluża bin-negliġenza kontributorja tal-mejjet. Dan apparti mill-konsiderazzjoni illi, dato li tnejn kienu l-persuni li kien hemm dak il-mument, ċjoè

l-mejjet u l-imputat, ħadd aktar mill-imputat ma seta', kieku ried, jagħti spjegazzjoni taċ-ċirkustanzi, anki għad-diskariku tiegħu; mentri ħu la ta ebda spjegazzjoni lill-Pulizija, u lanqas f'dan il-proċess. Malli l-Prosekuzzjoni ppruvat in-negiġenza *kriminali ta' l-imputat*, konsistenti filli hu kien ħadem xogħol tan-nar bla prekawzjonijiet ta' xejn, mħoloq aħura, skond ir-regoli tad-dritt proibatorju riċevuti mid-dottrina, stat ġuridiku li fih kienet loġikament mistennija spjegazzjoni mill-parti ta' l-imputat. Hu leċitu għall-Qorti li tirrileva dan innuqqas bħala konferma tal-prova tal-Prosekuzzjoni dwar il-koipabilità ta' l-akkużat, *konsistenti* fil-fatt, pruvat mill-Prosekuzzjoni, li l-imputat għamel volontarjament xogħol perikoluż għall-ħajja bla ebda prekawzjoni. Din il-fakoltà tal-Qorti li tagħmel komment simili ġiet, f'kaz analogu, imgħallma mill-President Mercieca, fuq l-awtorità tad-dottrina Ingliża, fil-kawża "Rex vs. Magri", 5. 8. 24;

*Għall-istess raġunijiet* li l-imputat hu ħati ta' l-omiċidju involontarju, lilu addebitat, hu anki ħati tad-danneġġjament involontarju tar-razzett;

Dwar il-piena:

Fis-sentenza "Rex vs. Stubbs" (1913) 8 Cr. App. R. 238, ċitata mill-Kenny, loc. ċit., nota (1), p. 150, wara li jingħad li l-"*contributory* negligence" tal-vittima ma hijiex skriminanti, jiżdied "but it may mitigate the sentence";

Issa, din hija konsiderazzjoni ta' l-akbar importanza, li l-ġudikant ma jistax jittrażandaha bla ma jivvjola l-kriterji li għandhom jiggwidawh biex il-piena tkun ġusta. Infatti, hija ħaġa l-aktar ċara li jeħtieġ li ssir distinzjoni, għall-finijiet ta' l-irrogazzjoni tal-piena, bejn il-każ ta' min jagħmel att perikoluż li bih joqtol persuna oħra bla ma dik il-persuna l-oħra tkun bl-ebda mod ikkonkorriet biex tqiegħed ruħha f'dak il-perikolu, u tkun għalhekk il-vittima inkoxjenti ta' dak l-att perikoluż, u l-każ ta' min b'att perikoluż jikkaġuna l-mewt ta' persuna li tkun volontarjament, b'għajnejha miftuħa, *poġġiet ruħha f'dak* il-perikolu, persuna li qiegħdet ruħha f'dak il-perikolu liberament, persuna ta' l-età tad-dixxerniment, li ma kienet taħt ebda obligazzjoni li tesponi ruħha, la ta' impjeg, la ta' dipendenza, u lanqas ta' ħaġ'oħra.

Il-ġudikant jħoss li għandha ssir distinzjoni, dejjem għall-finijiet tal-piena, bejn il-każ ta' - biex wieħed jiċċita eżempju tal-Kenny, p. 140 - "a sportsman who indulges in rifle practice in the immediate vicinity of houses", jolqot u joqtol lil xi ħadd li jinżerta hemm bla ma jaf xejn li jkun fil-perikolu, jew (biex wieħed jiccita każ ieħor) dak ta' min isuq car bi speed perikoluż, bi *brakes deficjenti*, u *jgħaffeġ u joqtol* tifel li jkun jilgħab fit-triq bla ħsieb ta' xejn tal-perikolu, u l-każ attwali, fejn il-mejjet ma kienx il-vitturi inkoxjenti, imma kien soltu jmur, bil-volonta' tiegħu, għax dilettant, ħalli jaħdem dan ix-xogħol tan-nar li ma setax ma kienx jaf li kien perikoluż, f'dak ir-razzett, fejn huwa ma setax ma jkunx jaf li ma kienx hemm ebda prekawzjoni, u esponi ruħu għall-perikolu b'dak l-istess *mod* li *espona* ruħu l-*imputat*;

Kienet tkun inġustizzja kieku, għall-finijiet tal-piena, ma ssirx distinzjoni bejn il-każ tal-vittima li tesponi ruħha volontarjament; tant li l-Carrara (loc cit.) għal din ix-xorta ta' vittima ta' l-aħħar jasal njentemeno li jirrikjama l-massinma "*chi e' colpa del suo mal pianga se' stesso*". Ma jistax jiġi *negat*, dejjem għall-finijiet tal-piena, li l-każ attwalu hu ferm viċin għal "border line" bejn il-każ tal-vittima li tikkontibwixxi għall-mewt tagħha u l-vittima li tikkaġuna l-*mewt* tagħha;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi fil-meritu tiċħad l-appellu tikkonferma s-sentenza appellata, iżda, għar-raġunijiet premessi, tirriduċi l-piena għal żmien erba' xhur; salva dejjem il-konfiska ordnata mill-Ewwel Qorti.